



Lussemburgu, 21 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10345/22

SUSTDEV 110
ONU 85
EDUC 251
DEVGEN 124
ENV 622
AG 68

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	21 ta' Ġunju 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9992/22
Suġġett:	Ir-rwol trasformattiv tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ- ċittadinanza globali bħala għodda strumentali għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) - Konklużjonijiet tal-Kunsill (21 ta' Ġunju 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol trasformattiv tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali bħala għodda strumentali għall-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs), kif approvati mill-Kunsill fit-3885 laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Ġunju 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol trasformativ tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali bħala għodda strumentali għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs)

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

1. Jafferma mill-ġdid li l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati bis-siġh favur l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, u ftehimiet u strumenti multilaterali ewlenin oħra, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li jkomplu jiggwidaw l-azzjonijiet tagħhom, kemm internament kif ukoll esternament. Dawn jinsabu fil-qalba tal-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp.
2. Ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2017 "Futur Ewropew sostenibbli: Ir-rispons tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli", il-konklużjonijiet tiegħu ta' April 2019 "Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030", il-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2019 "Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 – Progress s'issa u l-passi li jmiss", il-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2021 "Approċċ komprensiv biex titthaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli – Nibnu mill-ġdid aħjar wara l-kriżi tal-COVID-19" il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2018 kif ukoll il-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021–2030) u jafferma mill-ġdid l-impenji li jinsabu fihom.

3. Barra minn hekk, jissottolinja l-prijorità li jiġi segwit b'mod kollettiv l-SDG4 u l-importanza ta' aċċess universali, ekwu u inklużiv għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u għal ambjenti ta' tagħlim sikuri, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi, għat-tfal u ż-żgħażaġh kollha, inkluż il-bniet u n-nisa kif ukoll dawk l-aktar vulnerabbli u emarġinati minħabba faqar, spostament jew mard, bħala li jikkontribwixxu biex ikun hemm pedament aktar b'saħħtu għall-iżvilupp sostenibbli, biex b'hekk jitnaqqsu l-inugwaljanzi, inkluż l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, u d-distakk diġitali; F'dan ir-rigward, jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-tfixkil ikkawżat lill-edukazzjoni minħabba l-pandemija u jisħaq fuq l-importanza li jinbnew sistemi edukattivi reżiljenti li jipprovdu infrastruttura u riżorsi adegwati.
4. Jissottolinja li huwa strumentali li jiżdiedu l-appoġġ u l-involvement usa' fost iċ-ċittadini tal-UE għall-kisba tal-SDGs u t-twettiq tal-Aġenda 2030 mill-UE u l-Istati Membri tagħha; għaldaqstant, jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-individwi jkunu mgħammra b'mod adegwat bil-kompetenzi, (li jinkludu għarfien, ħiliet, attitudnijiet u valuri) meħtieġa biex jirriflettu fuq ir-rwoli tagħhom, jagħmlu għażliet konxji u jsiru atturi tal-bidla, kemm individwalment kif ukoll kollettivament, biex jiġu żviluppanti soċjetajiet sostenibbli, inklużivi u prosperi.
5. Iqis li l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali għandha potenzjal trasformattiv konsiderevoli fuq is-soċjetajiet, il-benesseri, l-ekonomiji u l-mudelli ta' konsum tagħna u għalhekk hija indispensabbli għall-kisba ta' UE u dinja aktar sostenibbli. Għaldaqstant, jisħaq fuq ir-rwol ċentrali tagħha għat-twettiq tal-Aġenda 2030 kollha kemm hi, billi hija parti integrali mill-SDG4 u faċilitatur ewlieni tal-SDGs l-oħra kollha kif ukoll mutur għall-innovazzjoni, l-irkupru, ir-reżiljenza u l-azzjoni trasformattiva.
6. Jesprimi l-impenn sħiħ tiegħu għat-twettiq tal-Mira 4.7 u jirrikonoxxi l-importanza tal-ħidma mwettqa mill-UNESCO fil-Qafas għal Azzjoni "Edukazzjoni 2030", u d-Dikjarazzjoni ta' Berlin dwar l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli inkluż il-pjan direzzjonali dwar l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli, mill-UNECE permezz tal-Istrateġija tagħha għall-Edukazzjoni għal Żvilupp Sostenibbli u l-qafas aġġornat tagħha għall-azzjoni, kif ukoll mill-Kunsill tal-Ewropa, inkluż iċ-Ċentru Tramuntana-Nofsinhar, permezz ta' għodod bħall-Qafas ta' Referenza tal-Kompetenzi għall-Kultura Demokratika (RFCDC); ifakkar fl-oġettivi tad-Dikjarazzjoni ta' Maastricht dwar l-Edukazzjoni Globali u l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2010 dwar l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, li jiffurmaw il-bażi għall-elaborazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet.

7. Jirrikonoxxi l-momentum pożittiv li għaddej bħalissa fuq l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali fl-Ewropa, filwaqt li jisħaq b'mod partikolari fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar it-Trawwim tal-involvement fost iż-żgħażaġh bħala atturi tal-bidla sabiex jitħares l-ambjent u r-Rakkomandazzjoni tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar L-apprendiment favur it-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Iżvilupp Sostenibbli, li jkopru oqsma ewlenin tal-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli u jisħqu fuq il-ħtieġa li l-istudenti jiġu mġhammra bl-għarfien, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa biex jindirizzaw sfidi kumplessi bħat-tibdil fil-klima u jsiru aġenti tal-bidla bħala ċittadini globali responsabbli; jilqa' wkoll f'dan ir-rigward il-proċess li għaddej bħalissa lejn Dikjarazzjoni Ewropea ġdida dwar l-Edukazzjoni Globali sal-2050 taħt il-patroċinju tan-Network tal-Edukazzjoni Globali Ewropa (GENE) li għandu jiġi ffinalizzat f'Novembru 2022.
8. Iqis li l-kunċetti tal-Apprendiment favur is-Sostenibbiltà Ambjentali, l-Apprendiment favur it-Tranżizzjoni Ekoloġika, l-Edukazzjoni u s-Sensibilizzazzjoni għall-Iżvilupp, l-Edukazzjoni Globali (Ċittadinanza), l-Edukazzjoni għaċ-Ċittadinanza u s-Solidarjetà Internazzjonali kollha jagħmlu parti integrali mill-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli u ċ-Ċittadinanza Globali: dawn irawmu l-iżvilupp sostenibbli u stili ta' ħajja sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha, filwaqt li jippromwovu wkoll il-ħarsien ambjentali u tal-bijodiversità u kultura ta' solidarjetà, paċi u nonvjolenza, ċittadinanza globali, u apprezzament tad-diversità kulturali u tal-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp sostenibbli. Għaldaqstant, jirrikonoxxi l-kontribut tagħhom għall-kisba tal-Mira 4. 7, kif ukoll tal-Miri 12.8 u 13.3 tal-Aġenda 2030, filwaqt li jirrikonoxxi wkoll id-diversità tal-mudelli edukattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali.
9. Iqis li l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali għandha tindirizza t-tliet pilastri fundamentali tal-iżvilupp sostenibbli - ekonomiku, soċjali u ambjentali - b'mod bilanċjat u integrat, b'enfasi partikolari fuq l-interkonnessjonijiet u s-sinerġiji bejn l-SDGs, u jenfasizza li l-kwistjonijiet trażversali tal-Aġenda 2030, b'mod partikolari l-governanza tajba, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u istituzzjonijiet effettivi u responsabbli, kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha, għandhom jiġu riflessi bħala tali fl-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali. Din in-natura komprensiva tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin trażversali fost l-istudenti.

10. Iqis ukoll li l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali għandha tiġi inkorporata, fejn xieraq, bħala sett ta' prinċipji u valuri sottostanti, rilevanti b'mod trażversali fil-livelli kollha tal-edukazzjoni formali, mhux formali u informali u fis-suġġetti kollha tal-edukazzjoni, bl-oġettiv ewlieni li jkun hemm enfasi fuq is-sensibilizzazzjoni, il-ħsieb kritiku, l-innovazzjoni, il-kapaċità li jiġu ffaċċati l-bidliet futuri u l-perspettiva fit-tul tar-responsabbiltà lejn il-ġenerazzjonijiet futuri kif stabbilit fi GreenComp, il-Qafas Ewropew il-ġdid ta' Kompetenza għas-Sostenibbiltà.
11. Jenfasizza li l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali hija parti integrali minn proċess ta' taġlim tul il-ħajja, u għaldaqstant jisħaq fuq il-kontribut li jista' jagħti t-taġlim mhux formali u informali fl-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali, u li l-istituzzjonijiet kulturali, inkluż il-media, il-mużewijiet u l-libreriji, kif ukoll l-awtoritajiet u l-komunitajiet lokali, is-soċjetà ċivili u min iħaddem kollha huma atturi ewlenin f'dan ir-rigward.
12. Jisħaq li l-iżvilupp ta' kompetenzi relatati ma' kwistjonijiet ta' sostenibbiltà fost l-impjegati taċ-ċivil huwa pass importanti sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi sabiex jimplimentaw l-Aġenda 2030 u tiġi żgurata integrazzjoni akbar tal-SDGs fil-politiki pubbliċi u l-koerenza tal-politika.
13. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi sfruttat u użat b'mod sħiħ il-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali inkluż l-intelliġenza artifiċjali biex l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali tavvanza, pereżempju permezz ta' riżorsi edukattivi miftuħa, xjenza miftuħa u għodod u infrastrutturi tat-taġlim elettroniku, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li jitnaqqsu l-impatti ambjentali tat-teknoloġiji diġitali, biex jiġu rispettati u protetti bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u jitrawwem il-benesseri diġitali u jitnaqqas id-distakk diġitali.
14. Jenfasizza li l-isforzi biex tiġi żviluppata l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali għandu jkollhom l-għan li jilhqqu lill-pubbliku kollu, b'mod partikolari ż-żgħażaġh, u l-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli u emarġinati, il-persuni li jgħixu f'żoni remoti u rurali, filwaqt li jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni u jnaqqsu d-distakki bejn il-pajjiżi u l-ġenerazzjonijiet u fi hđanhom.

15. Jisħaq fuq l-importanza li s-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni dwar kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli jitqiegħdu f'perspettiva globali, filwaqt li tiġi enfasizzata l-interkonnnettività tal-isfidi kontemporanji l-kbar, u b'hekk titrawwem ċittadinanza globali attiva li tippromwovi l-ġustizzja globali billi tindirizza l-inugwaljanzi globali.
16. Jilqa' l-progress sinifikanti li nkiseb fl-UE favur l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali, inkluż it-titjib tal-ġhoti ta' edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali fil-livelli kollha mill-Istati Membri, kooperazzjoni aktar fil-fond bejn il-ministeri u l-aġenziji nazzjonali, it-tfassil ta' vetturi u għodod xierqa biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali, u koordinazzjoni msaħħa fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew.
17. Jistieden lill-Istati Membri, fejn xieraq u skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali:
- a) jintensifikaw u jsaħħu l-iżvilupp ta' approċċi strateġiċi nazzjonali koerenti, inklużivi u kkoordinati u inizjattivi oħra għall-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, iċ-ċittadinanza globali u aġendi relatati, f'konformità mal-Mira 4.7 tal-SDGs. Jaġġornaw il-politiki eżistenti, b'attenzjoni speċjali għall-aktar xjenza reċenti, iżidu l-appoġġ għall-varjetà ta' partijiet ikkonċernati involuti fl-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, iċ-ċittadinanza globali u aġendi relatati u jappoġġaw u jiżviluppaw sinerġiji u kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni formali u mhux formali;
 - b) jiffaċilitaw inizjattivi interministerjali, interaġenzjali u b'diversi partijiet ikkonċernati, f'konformità ma' approċċ ta' gvern sħiħ u min-naħa tas-soċjetà kollha;
 - c) japprofondixxu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali, filwaqt li jiffaċilitaw aktar il-kondiviżjoni u l-kapitalizzazzjoni ta' prattiki tajbin, inkluż permezz tan-Network tal-Edukazzjoni Globali Ewropa (GENE);
 - d) jistiednu liż-żgħażaġħ involuti fi kwistjonijiet ta' sostenibbiltà bħala partijiet ikkonċernati permanenti u importanti biex ikollhom sehem attiv bħala kokreaturi fl-elaborazzjoni ta' politiki u kurrikuli edukattivi.

18. Jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tkompli tappoġġa l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, iċ-ċittadinanza globali u aġendi relatati, inkluż it-tagħlim għas-sostenibbiltà ambjentali, b'mod partikolari permezz tal-programm Erasmus+, l-inizjattivi ta' Tim Ewropa, il-Programm Life u l-Programm tal-Edukazzjoni u s-Sensibilizzazzjoni għall-Iżvilupp (DEAR). F'dak ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli r-riflessjoni tagħha lejn aċċess usa' għall-finanzjament mill-programm DEAR bħala mod kif jissaħħa l-impatt tal-programm.
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'approċċ bħala Tim Ewropa, bħala parti mill-isforz tagħhom biex jappoġġaw irkupru sostenibbli allinjat mal-SDGs, biex isaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, iċ-ċittadinanza globali u aġendi relatati, inkluż it-tagħlim għas-sostenibbiltà ambjentali, ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali bħall-Kunsill tal-Ewropa, l-UNESCO u l-UNECE, biex jippromwovu l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali f'fora u avvenimenti multilaterali, b'mod partikolari l-HLPF u l-G20, f'konformità mar-rwol kritiku assenjat lill-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli fid-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-G20 ta' Ruma, u biex jappoġġaw it-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-UNESCO u l-ECOSOC, u l-integrazzjoni trażversali tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali fl-attivitajiet tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti. F'dan ir-rigward, is-Summit dwar it-Trasformazzjoni tal-Edukazzjoni, imlaqqa' mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti f'Settembru 2022 bħala inizjattiva ewlenija tal-Aġenda Komuni tagħna, jirrappreżenta opportunità kbira biex jiżdied l-impenn globali favur l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali, u għandu jenfasizza r-rwol ċentrali tal-edukazzjoni għall-Aġenda 2030 kollha kemm hi.
20. Jilqa' l-integrazzjoni tat-tagħlim għas-sostenibbiltà u l-ħtieġa li s-settur tal-edukazzjoni u tat-taħriġ iwieġeb għall-għanijiet ġenerali tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fil-politiki trasformattivi ewlenin tal-UE u l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, l-Erasmus+, l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, l-Istrateġija Ewropea għall-Universitajiet u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, u jistieden lill-Kummissjoni tkompli tintegra l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, iċ-ċittadinanza globali u aġendi relatati fl-oqsma ta' azzjoni rilevanti kollha.

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'approċċ bħala Tim Ewropa, biex jimmonitorjaw il-progress tal-UE fl-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, iċ-ċittadinanza globali u aġendi relatati, biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tittiejeb kontinwament bl-għan li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, biex jiġu stabbiliti sistemi ta' valutazzjoni, bl-użu tal-għodod ta' monitoraġġ eżistenti, fejn ikun xieraq, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u tal-obbligi ta' rappurtar, u biex tissaħħaħ ir-riċerka dwar l-evalwazzjoni. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tkompli l-promozzjoni koerenti u sistematika tagħha tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, iċ-ċittadinanza globali u aġendi relatati, f'konformità mal-Mira 4.7 tal-SDGs, fost l-oħrajn billi tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tagħlim għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli, u biex tesplora possibbiltajiet biex l-indikaturi għall-Mira 4.7 jiġu inklużi fis-sett ta' indikaturi tal-UE relatati mal-SDGs u mal-edukazzjoni.
22. Jagħti l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-proċess li qed jiżviluppa lejn Dikjarazzjoni Ewropea ġdida dwar l-Edukazzjoni Globali fl-Ewropa sal-2050, li ser tibni fuq il-progress li sar u tikkontribwixxi biex tingħata spinta lill-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza globali fl-UE.
-